**Laqgha Numru 13/K4/2002**

**Introduzzjoni**

Minuti tat-Tlettax il-Laqgha ghas-sena 2002 tar-Raba' Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar il-Gimgha 20 ta' Settembru 2002.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-2.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Charles Bezzina u l-Kunsilliera Alfred Mazzitelli u Ray Pace flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Franco Galea kien skuzat minhabba xoghol.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-13 ta' Settembru 2002. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 12/K4/2002.**
2. **Punti li johorgu mil-Minuti.**
3. **Tqieghed ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Mistoqsijiet.**
5. **Korrispondenza.**
6. **Proposti ta' Bye Laws f'Pembroke.**
7. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
8. **Materji ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 12/K4/2002.

1.01. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona emendi biex wara item 4.12 jidhol il-kliem "***basta jingabru zewg kwotazzjonijiet ohra kif kien irrakkomanda s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg"*** kif ukoll emenda ghal-item 4.52.

1.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Il-Vici Sindku Charles Bezzina ppropona emenda ghal-item 4.05.

1.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

1.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.07. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona emenda biex minn item 4.20 jitnehha l-kliem li kien hemm zmien stipulat.

1.08. Hadd m'issekonda din il-proposta w ghalhekk m'ghaddietx.

1.09. Is-Sindku Joe Zammit qal li meta qal li x-xoghol mitlub kellu jsir sal-laqgha li jmiss kien qed ifisser meta jkun unanimament possibli izda fl-istess hin ma jistax jaccetta li minn laqgha ghal ohra ma jsir xejn.

1.10. Il-Kunsillier Ray Pace irrimarka kif fil-Minuti ma tnizzel xejn fuq il-programm tal-handyman, dwar il-works orders kif ukoll dwar il-battibekk li kien hemm inkluz id-diskors li qal is-Sindku Joe Zammit vis-à-vis is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

1.11. Is-Sindku Joe Zammit qal li dwar il-handyman ma kien hemm l-ebda battibekk. L-unika diskussjoni li saret kienet liema xoghol ser isir u kien intlahaq ftehiem li l-Kunsillier Franco Galea kellu jara liema xoghol kellu jsir biex wara jkunu jistghu jsir road markings biex ma jsirx ipparkjar fil-kantunieri wara li dawn jigu mmarkati minn raprezentant tal-Kunsill. Il-Kelliem qal li wara kollox fil-Minuti ma jitnizzilx kollox kelma b'kelma, tant li aktar il-quddiem fl-istess laqgha tresqet mozzjoni biex ir-responsabbilita' tal-handy man titnehha minghand il-Vici Sindku Charles Bezzina u tinghata lill-Kunsillier Franco Galea. Is-Sindku Joe Zammit qal li fir-rigward tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg huwa kien qal "***xbajt nattilek".*** Il-Kelliem qal li dan kien qalu minhabba l-fatt li kien hemm drabi li kien talab rimborz ghat-trasport li gieli m'nghatax. Il-Kelliem qal li jixtieq jiccara li l-kumment tieghu kien ghal dan biss u xejn aktar u bl-ebda moghod ma kien qed jirreferi ghal xi rregolarita jew illegalta. Il-Kelliem qal li huwa kien ta' l-opinjoni li meta Kunsillier jitlob rimborz dan ghandu jinaghta dak il-hin stess.

1.12. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li normalment ir-rimburzar li jitolbu l-Kunsilliera jinaghta dak iz-zmien stess, izda gieli kien hemm cirkostanzi fejn dan ma setghax isir u dan minhabba nuqqas ta' Petty Cash.

1.13. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 12/K4/2002 kif emendati.

1.14. Il-Vici Sindku Charles Bezzina ssekonda.

1.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Punti li johorgu mill-Minuti.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-Minuti 12/K4/2002 riferenza item 4.14 fejn qal li wara laqgha li saret illum il-Gimgha 20 ta' Settembru 2002 mas-Sur Joe Ellul raprezentant ta' l-Eden Foundation, ghan-nom tal-Kunsill saret talba biex l-istess Fondazzjoni tiprovdi kwotazzjoni biex nies bi htigijiet specjali jaghmlu x-xoghol konness maz-zamma tas-sigar taz-zebbug li hemm fi Triq Burma kantuniera ma' Triq Fortizza kif ukoll zamma u kultivazzjoni tal-mixtla li ser issir fuq il-gibjuni ta' Triq Burma minflok is-sigar taz-zebbug li hemm ezistenti.

2.02. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-Minuti 12/K4/2002 riferenza item 4.20 u 4.62 fejn staqsa lill-Kunsillier Ray Pace x'kien sar mix-xoghol mitlub fl-ahhar laqgha.

2.03. Il-Kunsillier Ray Pace qal li matul lil-gimgha d-diehla ghandu jikkonkludi r-rapporti dwar it-tabelli tat-traffiku.

2.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan ir-rapport ghandu jkun finalizzat biex wara titiehed decizjoni dwar x'mizuri ghandhom jittiehdu biex ikun jista' jsir ix-xoghol. Il-Kelliem qal li jekk sal-laqgha li jmiss dan ir-rapport ma jigix prezentat, huwa jiddelega dan ix-xoghol lil xi Kunsillier iehor.

2.05. Il-Vici Sindku Charles Bezzina rrakkomanda li l-poles tat-tabelli tat-traffiku ghandhom isiru b'tali mod li jkunu jifilhu ghall-vandalizmu.

2.06. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-Minuti 12/K4/2002 riferenza item 4.23 fejn informa lill-Kunsill li l-Bus Stops ser jitwahhlu fil-jiem li gejjien u dan wara li tohrog press release mil-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta pjanta bl-indikazzjonijiet tar-rotta tat-trasport pubbliku nkluz is-siti fejn ser isiru l-Bus Stops u l-Bus Shelters. **( Ara Appendici A )** Il-Kelliem ippropona li kopja tal-pjanta nkluz il-hinijiet il-godda tat-trasport pubbliku ghadhom jitqassmu bieb bieb lir-residenti tal-lokal.

2.07. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

2.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.09. Il-Vici Sindku Charles Bezzina rrakkomanda li meta jsiru l-pjattaformi tal-Bus Shelters ta' Triq il-Mediterran dawn isiru skond il-pjanta li qed jipprepara l-Perit tal-Kunsill vis-à-vis il-progett t'upgrading ghal din it-triq u dan sabiex mhux wara ftit taz-zmien dawn jinqalghu biex isiru f'postijiet ohra.

2.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Bus Stop Sign ghandha tehel fuq il-bankina ezistenti u wara li jkun sar ix-xoghol dawn ghandhom jitmexxew ghall-post fejn isiru l-bus shelters.

2.11. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-Minuti 12/K4/2002 riferenza item 4.43 fejn qal li minn informazzjoni li kieseb il-Kunsill jirrizulta li biex isir re-enhactment hemm spiza ta' Lm 300.00 kif ukoll ikla ghal madwar 100 persuna.

2.12. Wara diskussjoni l-Kunsillier Ray Pace ppropona li ghalissa din l-attivita' ma ssirx.

2.13. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.15. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-Minuti 12/K4/2002 riferenza item 4.61 fejn qal li jirrizulta li l-forum li ser torganizza l-Agenzija Sedqa huwa fuq bazi internazzjonali. Il-Kelliem talab lill-Kunsillier Alfred Mazzitelli u Franco Galea biex jikkonfermaw lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jekk ghadhom bl-interess li jippartecipaw. Il-Kelliem qal li l-hlas huwa ta' Lm 10.00 kull persuna.

2.16. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-Minuti 12/K4/2002 riferenza item 4.63 fejn talab lill-Kunsillier Ray Pace biex wara li jattendi s-seminar jinforma lill-Kunsill bid-dettalji li jkunu nghataw.

2.17. Il-Kunsillier Ray Pace qal li ghadu ma jafx jekk huwiex ser jattendi u dan minhabba li l-fatt li fl-istess gurnata ser ikun hemm attivita' kbira fil-Port il-Kbir.

2.18. Minhabba li kellu mpenji ohra, fit-3.30 pm il-Kunsillier Ray Pace talab li jigi skuzat u halla l-laqgha.

2.19. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-Minuti 12/K4/2002 riferenza item 4.64 fejn qal li fil-jiem li gejjien raprezentant tal-Fondazzjoni Din l-Art Helwa kien ser

jaghmel kuntatt mal-Kunsill biex issir laqgha dwar il-possibilita' t'ghajnuna biex isir xoghol ta' restawr.

2.20. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-Minuti 12/K4/2002 riferenza item 4.68 fejn qal li jirrizulta li la l-Vici Sindku u lanqas il-Kunsilliera Franco Galea u Alfred Mazzitelli m'attendew ghas-seminar li sar vis-à-vis il-Progett Skart.

2.21. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-Internal Memos li kien ipprezenta s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fl-ahhar laqgha fejn qal li minhabba li l-Kunsillier Ray Pace ma kienx prezenti ma setghax jara jekk l-istess Kunsillier kellux xi kummenti ghal dawn it-twegibiet tas-Segretarju Ezekuttiv.

2.22. Il-Vici Sindku Charles Bezzina talab lis-Sindku Joe Zammit biex huwa jaghmel kjarifika ghad-diskors li kien qal huwa stess fil-laqgha precedenti fejn l-istess kelliem qal li bi kjarifika ghal dak li qal fejn kien qal li jista' jaghti l-kaz li fil-passat kien sar xoghol minghajr kwotazzjonijiet, il-Vici Sindku Charles Bezzina qal li minn informazzjoni li kiseb wara l-ahhar laqgha jirrizulta li x-xoghol kollu li kien qed jirreferi ghalih kien sar kollu jew ghax kien kopert bil-kwotazzjonijiet kif ukoll minhabba emendi li kienu saru fosthom fil-kuntratt tal-Kumpanija J & K Contractors fejn il-Kunsill kien accetta li jsir xoghol ta' day works u ghalhekk ikkonkluda li x-xoghol kollu li sar kien kopert bit-tender li kien hemm bejn il-Kunsill u l-istess kuntrattur. Il-Kelliem qal li jiskuza ruhu ghall-kummenti li kien ghamel u d-dubji li kellu kienu kollha gew iccarati. Il-Kelliem qal li kien hemm xoghol iehor li kien anqas minn Lm500.00 u ghalhekk seta' jsir b'direct order.

## 3. Tqieghed ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Sidnku Joe Zammit informa lill-kunsilliera li kien hass li kellha tidhol din l-item fuq l-agenda biex jekk ikun hemm xi dokumenti li ser issir riferenza ghalihom jew rapporti ta' laqghat li jkunu saru, dan ghandu jkun il-hin opportun biex rendikont ta' dawn l-affarijiet jitpogga ghad-dispozizzjoni tal-Kunsill.

3.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill Internal Memos 19/2002 u 20/2002. **( Ara appendici B u C )**

## 4. Mistoqsijiet.

4.1. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghal-item li kien imiss fuq l-agenda.

## 5. Korrispondenza.

5.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-27 ta' Lulju u s-6 t'Awissu 2002 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghall-

46/2926/02/I E-mail minghand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bl-lista ta' decizjonijiet datati 5 ta' Settembru rigward PA04224/02 – Site @ Triq Patri Indri Vella – Change of use from existing garage to class four shop.

46/2931/02/I E-mail minghand il-Kunsillier Ray Pace fejn talab kopja tal-kasette ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill li saret il-Gimgha 6 ta' Settembru 12/K4/2002.

46/2938/02/I E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali rigward permessi ghal thaffir ta' trinek zghir mill-WSC.

46/2946/02/I Ittra minghand id-Dipartiment tad-Drenagg fejn b'riferenza ghall-ittra taghna datata 28 t'Awissu 2002 infurmawna biex nivverikaw mas-Sanita rigward il-kwalita' ta' l-ilma peress li WSC allegaw li l-ilma fil-Batterija huwa drenagg mentri testijiet li saru mis-Sanita dejjem irrizulta li mhux drenagg.

46/2949/02/I Ittra minghand il-Maltacom fejn accettaw biex isiru pajpijiet tal-Maltacom fi Triq Suffolk u Triq Falaise mill-kuntrattur is-Sur George Spiteri J & K Contractors Ltd.

46/2955/02/I E-mail minghand il-Kunsillier Ray Pace fejn infurmana li ma jistax jattendi ghall-laqgha tal-Kunsill li ser isir fl-20 ta' Settembru u talab li ssir time table tal-laqghat li ser isiru fix-xhar t'Ottubru sa Dicembru.

46/2959/02/I Ittra inghand 'The Malta Business Directory' fejn staqsewna jekk irriedux niedhlu fl-abbonament tal-Malta Business Directory.

46/2960/02/I Kwotazzjoni minghand FTW Ltd. ghal xoghol fuq il-gibjun quddiem Juno Flats ghall-prezz ta' Lm730.

46/2965/02/I Ittra minghand id-Dipartiment tad-Drenagg fejn baghtu kopja ta' l-ittra li baghtu lill-Health Inspector fejn infurmana li minn survey li sar bis-CCTV instab li l-house connection ta' Plot 382 'Is-Sebh' Triq il-Fortizza qed timblokka l-main tad-drenagg.

46/2969/02/I E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn infurmana x'inhu ghaddej bhalissa rigward towing u clamping.

46/2977/02/I Kwotazzjoni minghand is-Sur Michael Spiteri ghal xoghol fuq il-gibjun quddiem Juno Flats ghall-prezz ta' Lm780.

46/2987/02/I Ittra minghand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bl-lista t'applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA04455/02 – Site @ Madliena Triq Sant'Andrija – To eract temporary billboard.

46/2988/02/I E-mail minghand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bl-Agenda DCC datata 16 ta' Settembru PA04031/02 – Site Maisonette 15 Triq Normandija – to extend front terrace and to effect internal modifications.

46/2989/02/I E-mail minghand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bl-lista ta' decizjonijiet datati 10 ta' Settembru PA02171/97 – Site Plot 159 Triq Luigi Billion – to construct 2 semi detached maisonettes and underlying stores and garages.

46/2994/02/I Ittra minghand il-Kunsill Lokali Nadur fejn infurmawna li ser jorganizzaw konferenza bi-laterali bejn is-6 u l-10 ta' Novembru gewwa l-Imgarr Hotel bit-tema 'Il-Gemellaggi bejn lokalitajiet f'Malta u l-Italja fil-kwadru tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropeja fil-Mediterran'.

46/2997/02/I Agreement minghand il-Maltacom biex niffirmawh u ninbaghtuh lura rigward il-fuljett Kuntatt u nfurmawna li l-ewwel pubblikazzjoni ser tkun fil-bidu ta' Novembru 2002 u talab nibaghtu l-materjal sa nhar il-Gimgha 4 t'Ottubru 2002.

46/2998/02/I Ittra minghand il-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi u Ordni Pubblika fejn baghat l-Agenda ghall-laqgha tal-Kumitat Kongunt li ser issir nhar l-Erbgha 25 ta' Settembru 2002 fis-2.00 gewwa l-Kunsill Lokali Swieqi flimkien mal-minuti tal-laqgha li saret nhar it-Tnejn 19 t'Awissu 2002 gewwa l-Kunsill Lokali Pembroke.

46/3005/02/I Ittra minghand is-Sur Carmel Mercieca li joqghod Blokk 5 House 9, Triq il-Profs. Walter Ganado fejn talab biex isir l-art ta' quddiem il-garaxx.

46/3006/02/I Ittra minghand id-Direttorat ghall-Manigg tat-Traffiku fejn baghat site plan fejn ghandhom jitwahhlu l-illuminated street furniture fi Triq il-Profs. Walter Ganado.

46/3008/02/I Ittra minghand il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn b'riferenza ghall-ittra taghna datata 10 ta' Settembru rigward il-partecipazzjoni f'attivita' sportiva u edukattiva infurmawna li ma jistghux jippartecipaw minhabba mpenji ohra.

46/3009/02/I Ittra minghand U.C.I.M. Co. Ltd fejn talbu permess mill-Kunsill biex bejn is-26 u 29 ta' Settembru juzaw l-ex-Parade Ground ghall-attivita' li ser jorganizzaw.

46/3012/02/O Ittra li baghtna lin-National Immunisation Service rigward il-kampanja ta' tilqim konra l-influwenza 2002.

46/3033/02/I E-mail minghand id-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni fejn talbu biex nghinu lill-iskejjel biex meta jkun wasal iz-zmien li jinkitbu it-tfal fil-Kindergarten navzaw lill-pubbliku tal-lokalita'.

46/3034/02/I Ittra minghand is-Sur Gerald Azzopardi fejn talab li tinstab soluzzjoni ghal-garaxxijiet li ghandhom wara Blokk 8 f'St.Patricks minhabba li jidhol l-ilma.

46/3035/02/I E-mail minghand is-Sur Ian Meaton fejn staqsina jekk f'Pembroke Dock ghaddx hemm xi klabb tal-boxing.

46/3036/02/I E-mail minghand is-Sur Mark Causon fejn infurmana li ta' Plot 36 Triq Mons.Alfredo Mifsud qed ihalli l-kelb fuq il-bejt u l-hin kollu jinbah.

46/3039/02/I E-mail minghand Historical Re-enactment Group of Malta fejn infurmawna bid-dati li jistghu kif ukoll bil-hlas li jried isir ghal din l-attivita' .

46/3041/02/I Ittra minghand Pembroke Town Council fejn infurmana li hemm xi gruppi jixtiequ jzuru Malta kif ukoll staqsa jekk ahna ghandniex xi grupp li jixtieq izur Wales.

46/3045/02/I E-mail minghand l-Onor. Dolores Cristina fejn b'riferenza ghall-ittra taghna rigward plots zdingati f'Pembroke infurmatna li ser taghmel mistoqsija parlamentari fil-jiem li gejjien.

46/3046/02/I E-mail minghand is-Sedqa fejn baghtu dettalji rigward il-hlas u l-programm ta' partecipazzjoni ghall-konferenza li ser issir nhar is-17 u 18 t'Ottubru gewwa New Dolmen Hotel rigward id-drogi u l-kriminalita' f'Malta.

46/3048/02/I Ittra minghand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn infurmawna li l-applikazzjoni biex isir embellishment fi Triq Burma, Triq il-Fortizza u L.Billion mhiex aktar applikabbli PA 06931/00.

46/3053/02/I E-mal minghand is-Sur John Busuttil fejn baghat tlett ritratti rigward il-

hmieg li johrog mill-kanali ta' l-iskola tas-St.Michael.

46/3064/02/I E-mail minghand is-Sur Tony Stuart fejn talab lill-Vici Sindku Charles Bezzina biex jaghmel komunikat mieghu biex jaghtih l-informazzjoni mitluba.

46/3066/02/I E-mail minghand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar rigward lista t'appelli ghax-xhar t'Ottubru 2002 PA 4406/97 – Sit A Dipartiment tal-Bini u Tiswijja tad-Djar.

46/3068/02/I E-mail minghand il-Kunsillier Franco Galea fejn baghat xi punti biex jigu diskussi fil-laqgha li jmiss.

46/3069/02/I E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn infurmana li sakemm nircievu twegiba ghala numru ta' Kunsilli Lokali kellhom is-sistema ta' LES mhux tahdem nissospendu l-pagamenti ta' connevity lill-MITTS kif ukoll lid-Datatrak.

46/3071/02/I Press release minghand Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta rigward ir-rotta l-gdida tal-karozza tal-linja 66.

46/3072/02/I Ittra minghand is-Sur Julian Caruana li joqghod Blokk 7, Hse 1 Triq Odorik Grima, fejn talab jiehu hsieb il-bicca art li hemm hdejn id-dar tieghu.

46/3079/02/I Kwotazzjoni minghand Liquid Studios ghall-website tal-Kunsill.

46/3081/02/ E-mail minghand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar rigward lista ta' decizjonijiet datati 16 ta' Settembru 2002 PA04031/02 Site @ Maisonette 15, Triq Normandija - to extend front terrace and to effect internal modifications.

5.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2628/02/I** il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jixtri apparat ghal-tahrig sportiv ghall-prezz ta' Lm 51.00 liema apparat jigi misluf ghall-perjodu indefinit lis-sezzjoni gdida fi hdan il-Pembroke Karate Club u dan sakemm l-istess ghaqda ma tigiex xolta.

5.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

5.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2931/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba l-fatt li l-irrekordjar tal-laqgha jsir kollu kelma b'kelma inkluz argumenti w diskors iehor, jittiehed biss minnu l-konkluzjonijiet ezekuttiv tal-Kunsill li wara jitnizzlu biex isiru l-Minuti tal-laqgha precedenti, u ghalhekk huwa kien qed jitlob li ladarba l-Minuti jigu approvati dan l-istess recording ghandu jithassar u dan minhabba l-fatt li ma jkunx hemm htiega li dan jinzamm aktar u dan sakemm ma jkunx hemm decizjoni differenti approvata fl-istess laqgha li tkun qed tigi rrekordjata u dan abbazi li titlob biex dan ir-recording partikulari jinzamm minhabba li jkunu saru xi rimarki t'importanza legali jew li jkun infeta' dubju fuq xoghol il-Kunisll li jkun sar skond jew kontra xi ligi.

5.06. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

5.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.08. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2946/02/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li bhalissa qed isiru testijiet mis-Sanita dwar l-ilma li hemm f’Pembroke Battery.

5.09. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2959/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill m’ghandux jabbona fil-Malta Business Directory.

5.10. il-Vici Sindku Charles Bezzina ssekonda.

5.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.12. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2965/02/I** is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li vis-à-vis il-problema tad-drenagg li hemm fi Triq il-Fortizza, il-Kunsill jesigi li d-Dipartiment jiehu dawk il-passi kollha biex tigi solvuta din il-problema darba ghal dejjem u jsiru l-manholes kullfejn tinhass il-htiega wara li jkun gie konkluz is-survey bil-‘camera’ li qed isir bhalissa u dan skond kif gie miftiehem fil-laqgha li saret ricentament mad-Direttur tad-Dipartiment tad-Drenagg.

5.13. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2987/02/I** is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-applikazzjoni riferenza PA 04455/02 fejn ippropona li jekk il-permess li qed jintalab huwa ghall-billboard normali l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni izda jekk it-talba hija permanenti jew xi billboard mhux bhal dawk li hawn fit-toroq prezentament il-Kunsill joggezzjona.

5.14. Il-Vici Sindku Charles Bezzina ssekonda.

5.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.16. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2997/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta l-proposta tal-Maltacom plc biex jigi ppublikat il-fuljett Kuntatt.

5.17. il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

5.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.19. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li min informazzjoni li ghandu jirrizulta li l-isponsors li jitlob il-Kunsill ghal-magazine Lehen il-Kunsill Lokali Pembroke huma ftit gholjin.

5.20. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3005/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li r-residenti ta’ Blokk 5 Triq Profs Walter Ganado jigu nfurmati li l-Kunsill wasal f’arrangament biex il-parkegg li hemm quddiem id-djar taghhom jinghata t-tarmak fix-xhur li gejjien liema xoghol ghandu jsir sa l-ahhar tas-sena.

5.21. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

5.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.23. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3009/02/I** il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghall-kumpanija UCIM biex taghmel uzu mil-Ex Parade Ground f’Pembroke biex isir testdrive ta’ vettura tal-kumpanija bejn is-26 u d-29 ta’ Settembru 2002.

5.24. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

5.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.26. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3012/02/O** is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jerga’ jaghmel kuntatt mas-Sur Mark Fenech

Laudi biex jara jekk huwiex interessat. Il-Kelliem qal li jekk ir-risposta sa nhar it-Tnejn 23 ta' Settemrbu 2002 tkun fin-negattiv jew il-Kunsill jibqa' minghajr twegiba, ghandhom jigu kkuntattjati nies ohra biex jipprovdu dan is-servizz.

5.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3033/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta li jinforma lir-residenti dwar l-applikazzjonijiet tal-kindergarten meta jkun il-waqt.

5.28. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

5.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3036/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kopja ta' l-ittra ghandha tintbaghat lill-pulizija biex tittiehed azzjoni kif ukoll fl-istess ittra jigu nfurmati b'kazijiet ohra fosthom li l-watchman li hemm fil-huts tal-Pulizija qed izomm kelb kbir.

5.31. Il-Vici Sindku Charles Bezzina ssekonda.

5.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.33. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li huwa naccettabli li residenti jzommu klieb fi propjeta tal-Housing fosthom Blokk 7 San Gorg.

5.34. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ghandu jikteb lid-Dipartiment rigward dan il-fatt biex il-Kunsill ikun infurmat bil-ligi u r-regolamenti li huma marbutin bihom l-inkwilini u wara li l-Kunsill ikollu din l-informazzjoni tintbaghat ittra lir-residenti konceranti biex titiehed azzjoni u jitnehha l-inkonvenjent.

5.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3037/02/I** il-Kunsillier Alfred Mazzitelli rrakkomanda li jintalab il-parir ta' Dun Anton Portelli biex wara jekk jinstab min, jigi nominat ghall-premjui zghazugh tas-sena.

5.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3041/02/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kellu komunikat mas-Sindku ta' Pembroke Town Wales fejn is-Sindku Keith Nicholas kien infurmah li f'April 2003 grupp ta' madwar 48 persuna kien ser izur Malta. Il-Kelliem qal li l-eta taghhom hija ta' bejn 14 u 15 il-sena. Il-Kelliem qal li aktar dettalji jinghataw fil-jiem li gejjien kif ukoll li fil-laqgha li ser issir ma' l-MIC ser jigi diskuss il-possibilita' li ssir applikazzjoni ghal-fondi ta' l-EU vis-à-vis visti simili.

5.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3053/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb ufficcjalment lis-St. Michael's Foundation dwar il-hmieg li johrog mill-katusi tal-ground kull meta taghmel ix-xita. Il-Kelliem ippropona wkoll li kopja ta' l-ittra tintbaghat lir-residenti koncernati.

5.38. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

5.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3064/02/I** il-Vici Sindku Charles Bezzina qal li din il-korrispondenza kienet ittra ndirizzata lilu personali ma kienetx ghall-Kunsill.

5.41. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg infurmah li skond il-ligi kull korrispondenza li jircievi l-Kunsill hija pubblika u ghalhekk talab lill-Kunsilliera biex meta jaghmlu kuntatt ma xi hadd jinfurmawh biex ma jibghatx korrispondenza personali fl-indirizz ufficcjali tal-Kunsill jew permezz ta' l-email tal-Kunsill.

5.42. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex meta l-Kunsill jircievi korrispondenza ndirizzata lil xi Kunsillier din tinfetah bis fil-prezenza tieghu.

5.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3072/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li s-Sur Julian Caruana li joqghod House 1 Blokk 7 Triq Patri Odorik Grima jiehu hsieb bicca art li hemm hdejn id-dar tieghu u dan sakemm dan ikun minghajr pretenzjoni.

5.44. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

5.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3079/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta l-proposta ta' Liqiud Studios biex jikrejaw Home Page fuq l-internet inkluz il-facilitajiet extra li hemm fil-kwotazzjoni ghall-prezz ta' Lm 615.25 inkluz il-VAT kif ukoll li l-istess Home Page tkun hosted minn Euro web ghall-prezz ta' Lm 40.25 inkluz il-VAT. **( Ara appendici D )**

5.47. Il-Vici Sindku Charles Bezzina ssekonda.

5.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6. Proposti ta' Bye Laws f'Pembroke.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera u fl-istess hin ippropona li minhabba li mhux il-Kunsilliera kollha kienu prezenti kien ikun ghaqli li suggett bhal dan jigi diskuss meta jkunu prezenti Kunsilliera miz-zewg partiti politici raprezentati fil-Kunsill.

6.02. Il-Vici Sindku Charles Bezzina ssekonda.

6.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Approvazzjoni tal-kontijiet.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq ghad-diskussjoni skeda ta' pagamenti. **( Ara appendici E )**

7.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet ghajr dak tal-MITTS u dan skond struzzjonijiet ta' l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali.

7.03. Il-Vici Sindku Charles Bezzina ssekonda.

7.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8. Materji Ohra.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-decizjoni li kien ha l-Kunsill aktar tard matul is-sena fejn ippropona li jinhatar kumitat kompost minnhu flimkien mal-Vici Sindku Charles Bezzina, l-Kunsillier Alfred Mazzitelli u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jippreparaw il-materjal konness mal-programm li ser isir mill-kumpanija MAP 3 Productions.

8.02. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ghadu qed jistenna l-laqgha ma' l-Onorevoli Ministru Censu Galea biex wara jkunu jistghu jibdew it-thejjijiet ghal-programm li jmiss ta' Road Resurfacing.

8.05. B'riferenza ghal-attivitajiet ghal zmien il-Milied is-Sindku Joe Zammit ippropona li fost ohrajn li jista' jkun hemm aktar il-quddiem, nhar l-20 ta' Dicembru fil-12.30 pm, il-Kunsill jorganizza bibita ghall-haddiema kif sar fil-passat kif ukoll li fl-istess gurnata fis-6.00 pm issir l-attivita' ghal-anzjani fejn minbarra li jinghataw kejk issir ukoll bibita zghira. Il-Kelliem ippropona wkoll li ssir attivita' ghat-tfal fejn dawn nhar it-23 ta' Dicembru l-ewwel jattendu ghall-quddies u wara jittiehdu jaraw film l-Eden Cinema, jinghataw popcorn u luminata u wara jinghataw rigal zghir.

8.06. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.08. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-jiem li gejjien ser jibda jithejja programm t'attivitajiet ghall-Jum Pembroke 2003 jekk ser jigi ccelebrat anniversarju ta' 20 sena 1983 – 2003.

8.09. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jimplimenta u jaccetta sezzjoni H tal-kuntrattur J & K Contractors mill-kuntratt Zamma u Manutenzjoni tat-toroq sabiex il-Kunsill ikollu ghazla b'liema kuntrattur jaghmel ix-xoghol meta tinhass il-htiega.

8.10. Il-Vici Sindku Charles Bezzina ssekonda.

8.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.12. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li titnaddaf il-bicca art li hemm quddiem Plot 207 Triq l-Imhallef William Harding inkluz li tintefa l-hamrija, issir il-bankina tad-dawra u tal-faccata n-naha tal-parking area li hemm hdejn il-Pembroke Athleta kif ukoll li jkun hemm retaining wall ta' zewg filati biex jissepara l-hamrija minn mal-bankina.

8.13. l-Vici Sindku Charles Bezzina ssekonda.

8.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.15. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li nhar l-24 ta' Settembru 2002 f'12.00 pm ser issir laqgha ma' raprezentant ta' l-M.I.C. dwar fondi ghall-gemellagg, li ser issir laqgha nhar il-25 ta' Settembru 2002 fis-14.00 ta' l-L.E.S. Joint Committee liema laqgha ser issir fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Swieqi kif ukoll li nhar it-Tnejn 7 t'Ottubru 2002 fit-8.00 pm ser issir laqgha l-Parlament ma' l-Onorevoli Ministru F. Zammit Dimech u dan abbazi ta' l-ittra riferenza PLC 46/2781/02/O li s-Sindku baghat lil-istess Ministru.

8.16. Il-Vici Sindku Charles Bezzina nforma lill-Kunsill li fil-laqgha li saret mal-Perit Reuben Borg irrizulta li fil-progett t'upgrading ta' Triq il-Mediterran jirrizulta li din it-triq ser tkun tiflah parking biss fuq naha wahda jigifieri n-naha tad-djar kif ukoll li biex jigi rrangat l-alignment hemm il-possibilita' li numru ta' palm ikollhom jiccaqalqu.

8.17. Il-Vici Sindku Charles Bezzina nforma wkoll lill-Kunsill li kien gie ordnat il-hadid li kien hemm bzonn vis-a-vis il-Progett ta' Pembroke Battery. Il-Kelliem qal li x-xoghol ser isir mis-Sur Paul Farrugia li jahdem ma' l-MSD.

8.18. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-laqgha li saret mal-Perit Anton Camilleri fejn qal li b'rizultat ta' din il-laqgha l-Kunsill ghandu jqabbad lill-Perit tal-Kunsill jigifieri l-Kumpanija Med Design Consultants limited biex jipprepara stima

ghax-xoghol konness mat-tarmak ta' quddiem Blokk 5 San Gorg kif ukoll ghal-tindifa generali u xoghol iehor li hemm bzonn isir.

8.19. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-photocopier l-antika li ghandu l-Kunsill fejn minn informazzjoni li ghandu l-Kunsill jirrizulta li din ghandha hsara ta' madwar Lm 230.00. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill ma jsewwiex din il-magna u jibqa' juza din il-magna sakemm tieqaf u wara titnehha.

8.20. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.22. Il-Vici Sindku Charles Bezzina ghamel riferenza ghall-laqgha li saret mas-Sur Joe Aquilina mid-Dipartiment ta' l-Agrikultura fejn dan informa lill-Kunsill li d-Dipartiment kien lest li jaghmel xoghol ghall-Kunsill izda dan kontra hlas liema hlas jirrizulta li huwa aktar gholi minn xoghol simili provdut minn kuntratturi privati.

8.23. Il-Vici Sindku Charles Bezzina informa lill-Kunsill li kienet saret il-laqgha mal-Perit Sapiano li huwa responsabbli mill-Bini ta' Sit A kif ukoll li ghal din il-laqgha kien prezenti wkoll is-Sur Vince Cilia f'isem id-Dipartiment tad-Drenagg. Il-Kelliem qal li ntlahaq ftehiem rigward il-bini tal-pumping station inkluz il-formazzjoni tat-triq ghal-istess pumping station. Il-Kelliem ghamel riferenza wkoll ghall-hording ta' Sit A fejn rrakkomanda li ssir grada fit-tarf ta' Triq Pietru Darmenia biex jinghalaq l-access ghas-Sit A kif ukoll ghall-Ground l-Abjad fejn hemm il-ground tal-Pembroke Athleta fejn isiru tlett cwievet – wahda ghall-kuntrattur, wahda ghall-Pembroke Athleta u wahda ghall-Kunsill.

8.24. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li parti mis-sit hija pubblika u ghalhekk ma setghax jinghalaq l-access ghall-pubbliku.

8.25. Il-Vici Sindku Charles Bezzina qal li fid-dawl ta' l-abbuzi li jkun u qed ikun hemm huwa kien qed jipproponi li l-access jinghalaq ghall-pubbliku u dan bhala safety u biex ma jitkompliex jintefa' materjal u skart iehor.

8.26. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.28. Il-Vici Sindku Charles Bezzina ppropona li tissaqqaf il-bitha tal-Kunsill kif ukoll li jitnehha l-hajt li hemm bejn is-sala u l-istore u dan sabiex titkabbar is-sala kif ukoll li dan ix-xoghol ghandu jsir mill-Kumpanija J & K Contractors.

8.29. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.31. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir antriporta ta' l-aluminium ghall-bieb ta' l-Ufficcju Amministrattiv u dan minhabba li meta taghmel ix-xita l-bieb ta' barra jkollu jinzamm maghluq sabiex ma jidholx ilma.

8.32. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.34. Il-Vici Sindku Charles Bezzina ppropona li jinkera s-servizz ta' pressure bowser biex jitnaddfu l-culverts kif ukoll il-culverts li jaghtu ghall-gibjuni.

8.35. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.37. Il-Vici Sindku Charles Bezzina ppropona li jsir culvert quddiem il-garaxxijiet li hemm fi Trejqet Patri Odorik Grima.

8.38. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.40. Il-Vici Sindku Charles Bezzina nforma lill-Kunsill li kien talab lill-Kuntrattur Catbross Limited biex jipprovdi kwotazzjoni biex titnehha l-pjattaforma tal-konkos li hemm quddiem Blokk 2 Triq il-President Anton Buttigieg.

8.41. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli talab biex tinzabar il-palma li hemm f'Wesghet ix-Xelter.

8.42. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jitlob kwotazzjonijiet ghall-kiri ta' High Up biex jintuza ghal diversi xogholijiet fil-Kunsill.

8.43. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li l-impjegati tal-Kunsill ikollhom uniformi bhal ma' qed jigri f'Kunsilli ohra. Il-Kelliem ippropona li l-ghazla ghandha tkun f'idejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg wara li jikkonsulta mal-Kunsill.

8.44. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.46. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li titqassam cirkolari lir-residenti biex jigi mistoqsi min huwa nteressat li jattendi ghal-kors tal-flower arrangement u kors iehor tat-technical design liema korsijiet ghadhom jigu organizzati mis-Sinjura Vikky Bonello u Manuel Montebello rispettivament.

8.47. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.49. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal decizjoni li ttiehdet ftit tax-xhur ilu fejn qal li huwa ma' rnexxilux jigbor kwotazzjonijiet ghal-xiri ta' welding set u mixer u ghalhekk talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jigbor dawn il-kwotazzjonijiet huwa stess.

8.50. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli qal li huwa jhoss li l-Kunsill ghandu jkollu generator ghall-provista ta' dawl u dan abbazi li dan jista' jintuza ghal diversi ragunijiet fosthom attivitajiet tal-Kunsill. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona li jinxtara generator ghal uzu tal-Kunsill.

8.51. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.53. Is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li tinkiteb ittra lill-Pembroke Athleta fejn jigu nfurmati li ma jistax ihallu litter bins mimlija skart matul il-lejl. Il-Kelliem irrakkomanda li jekk dawn il-bins ma jitnehhewx il-Kunsill ghandu jiehu passi legali kontra min qed jaghmel uzu minnhom.

8.54. Il-laqgha ntemmet fis-7.00 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Gimgha 11 t'Ottubru 2002 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |